ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 248

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

22 ta' Settembru 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 779/97** 1

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 601/2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin ta' l-Antartiku** ........ 11

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru ta' l-istokk tas-sallura Ewropea** ........ 17

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1101/2007 tal-21 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 24


**Corrigendum**


★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 124, 27.4.2004) (Ħarġa Speċjali bil-Malti, Kapitolu 01, Volum 02, p. 130)** ........ 26

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (Ir-Regolamenti ta' l-Istaff) (ĠU L 56, 4.3.1968) (Ħarġa Speċjali bil-Malti, Kapitolu 01, Volum 02, p. 5)** ........ 27




Atti b'titoli b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' l-affarijiet agrikulturali u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma b'tipa skura u preċeduti minn asterisk.

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1098/2007

### tat-18 ta' Settembru 2007

### li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 779/97

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-parir xjentifiku riċenti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) jindika li l-istokk tal-merluzz fis-Suddiviżjonijiet ICES 25 sa 32 tal-Baħar Baltiku naqqset għal livelli fejn qed issofri minn kapaċità riproduttiva ridotta u li qed isir qbid mill-istokk b'rata insostenibbli.

(2) Il-parir xjentifiku riċenti mill-ICES jindika li l-istokk tal-merluzz fis-Suddiviżjonijiet ICES 22, 23 u 24 tal-Baħar Baltiku hija sopra-esplojtata u laħqet livelli fejn hija f'riskju ta' kapaċità riproduttiva ridotta.

(3) Jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex ikun stabbilit pjan pluriennali għall-ġestjoni tas-sajd ta' l-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku.

(4) L-objettiv tal-pjan huwa li jiġi żgurat li l-istokkijiet tal-merluzz tal-Baltiku jkunu jistgħu jiġu sfruttati f'kondizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

(5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komuni għas-Sajd [2] jeħtieġ *inter alia* li, biex jintlaħaq l-objettiv, il-Komunità għandha tapplika approċċ prekawzjonarju billi tieħu miżuri li jipproteġu u jikkonservaw l-istokk, jipprovdu għall-isfruttament sostenibbli tagħha u jirriduċu l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistemi marini. Huwa għandu jimmira lejn implimentazzjoni progressiva ta' approċċ ibbażat fuq ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jikkontribwixxi għal attivitajiet tas-sajd effiċjenti fi ħdan industrija tas-sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiva, li tipprovdi standard ta' għajxien ġust għal dawk li jiddependu mis-sajd tal-merluzz tal-Baltiku u tieħu kont ta' l-interessi tal-konsumaturi.

(6) Sabiex jintlaħaq l-objettiv, l-istokk tal-Lvant għandha tinbena mill-ġdid għal limiti bijoloġiċi siguri u, għażżewġ stokkijiet, għandhom jiġu żgurati livelli sabiex tinżamm il-kapaċità riproduttiva sħiħa tagħhom u l-ogħla rikavati għall-perijodu fit-tul.

(7) Dan jista' jintlaħaq billi jkun stabbilit metodu xieraq għat-tnaqqis gradwali ta' l-isforz tas-sajd fejn l-attivitajiet tas-sajd qed jaqbdu merluzz għal livelli li huma konsistenti ma' l-objettiv, u billi jkunu stabbiliti l-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) għall-istokkijiet tal-merluzz f'livelli konsistenti ma' l-isforz tas-sajd.

(8) Minħabba li l-qabdiet ta' merluzz fl-attivitajiet tas-sajd għall-aringi u għal-laċċa kaħla u f'attivitajiet tas-sajd bix-xibka tal-garġi u bix-xibka tat-tħabbil għas-salamun huma limitati ħafna, dawn l-attivitajiet tas-sajd m'għandhomx ikunu soġġetti għar-riduzzjoni gradwali fl-isforz tas-sajd.

(9) Biex tkun żgurata stabbiltà fil-possibbiltajiet tas-sajd, huwa xieraq li tkun limitata l-varjazzjoni fit-TACs minn sena għall-oħra.

[1] Opinjoni tas-7 ta' Ġunju 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

(10) Implimentazzjoni xierqa tal-kontroll ta' l-isforz tas-sajd hija li tirregola t-tul tal-perijodu meta s-sajd tal-merluzz huwa permess. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ġranet komuni meta l-bastimenti Komunitarji kollha li jtajru l-bandiera tagħhom ikollhom permess ikunu neqsin mill-port.

(11) Huma meħtieġa miżuri ta' kontroll b'żjieda għal jew b'deroga minn dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar permessi tas-sajd speċjali ([1]), ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni ([2]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 tat-22 ta' Settembru 1983 li jistabbilixxi regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-qabdiet tal-ħut ([3]) ta' l-Istati Membri sabiex tkun żgurata konformità mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(12) Matul l-ewwel tliet snin ta' l-applikazzjoni tiegħu, il-pjan pluriennali għandu jitqies bħala pjan ta' rkupru fit-tifsira ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

(13) Is-Suddiviżjoni ta' l-ICES 27 jew 28 tista' tiġi eskluża mid-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni ta' l-isforz tas-sajd minħabba l-qabdiet minimi f'dawn is-Suddiviżjonijiet ta' l-ICES.

(14) Il-pjan pluriennali li jipprovdi għalih dan ir-Regolament jissostitwixxi l-arranġamenti eżistenti dwar il-ġestjoni ta' l-isforzi tas-sajd fil-Baħar Baltiku. Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/97 ta' l-24 ta' April 1997 li jintroduċi arranġamenti għall-ġestjoni ta' l-isforzi tas-sajd fil-Baħar Baltiku ([4]) għandu jiġi revokat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz li ġejjin (minn hawn 'il quddiem imsejħa "stokkijiet tal-merluzz konċernati") u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet:

(a) merluzz li jgħix fiż-Żona A;

(b) merluzz li jgħix fiż-Żoni B u Ċ.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għal bastimenti tas-sajd Komunitarji b'tul globali daqs jew akbar minn tmien metri li joperaw fil-Baħar Baltiku u l-Istati Membri madwar il-Baħar Baltiku (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri konċernati"). Madankollu, l-Artikolu 9 għandu japplika għal bastimenti b'tul globali ta' inqas minn tmien metri li joperaw fil-Baħar Baltiku.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw barra dawk stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżosrsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, iċ-Ċintorini u s-Sound ([5]):

(a) id-Diviżjonijiet u s-Suddiviżjonijiet tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) huma kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3880/91 tas-17 ta' Diċembru 1991 dwar il-preżentazzjoni ta' statistika ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Lvant ta' l-Atlantiku ([6]);

(b) "Baħar Baltiku" tfisser id-Diviżjonijiet IIIb, IIIċ u IIId ta' l-ICES;

(ċ) "qabdiet totali permessi (TAC)" tfisser il-kwantità li tista' tittieħed minn kull stokk kull sena;

(d) VMS tfisser sistema ta' sorveljanza tal-bastimenti skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati rigward Sistemi tas-Sorveljanza tal-Bastimenti bbażati fuq satellita ([7]) għal bastimenti ta' kwalunkwe tul;

(e) "Żona A" tfisser is-Suddiviżjonijiet ta' l-ICES 22 sa 24;

"Żona B" tfisser is-Suddiviżjonijiet ta' l-ICES 25 sa 28;

"Żona Ċ" tfisser is-Suddiviżjonijiet ta' l-ICES 29 sa 32;

([1]) ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).
([3]) ĠU L 276, 10.10.1983, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1804/2005 (ĠU L 290, 4.11.2005, p. 10).
([4]) ĠU L 113, 30.4.1997, p. 1.
([5]) ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.
([6]) ĠU L 365, 31.12.1991, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2005 (ĠU L 74, 19.3.2005, p. 5).
([7]) ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.

(f) "jiem nieqsa mill-port" tfisser kwalunkwe perijodu kontinwu ta' 24 siegħa jew parti tiegħu li matulu l-bastiment ikun nieqes mill-port.

KAPITOLU II

**OBJETTIV U MIRI**

*Artikolu 4*

**Objettiv u miri**

Il-pjan għandu jiżgura l-isfruttament sostenibbli ta' l-istokkijiet tal-merluzz konċernati billi gradwalment inaqqas u jżomm ir-rati ta' mortalità tal-ħut f'livelli mhux aktar baxxi minn:

(a) 0,6 għall-etajiet bejn 3 u 6 snin għall-istokk tal-merluzz fiż-Żona A, u

(b) 0,3 għall-etajiet bejn 4 u 7 snin għall-istokk tal-merluzz fiż-Żoni B u Ċ.

KAPITOLU III

**TOTAL TAL-QABDIET PERMISSIBBLI**

*Artikolu 5*

**Stabbiliment tat-TACs**

1. Kull sena, il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni dwar it-TACs għas-sena ta' wara għall-istokkijiet tal-merluzz konċernati.

2. It-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz konċernati għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikoli 6 u 7.

*Artikolu 6*

**Proċedura għall-istabbiliment tat-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz konċernati**

1. Il-Kunsill għandu jadotta t-TAC għall-istokkijiet tal-merluzz konċernati li, skond evalwazzjoni xjentifika mwettqa mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), hija l-ogħla minn dawn li ġejjin:

(a) it-TAC li l-applikazzjoni tagħha tirriżulta fi tnaqqis ta' 10 % fir-rata ta' mortalità tal-ħut fis-sena ta' applikazzjoni tagħha meta mqabbla mar-rata ta' mortalità tal-ħut stmata għas-sena preċedenti;

(b) it-TAC li kieku twassal għal rata tal-mortalità tal-ħut definita fl-Artikolu 4.

2. Fejn l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tirriżulta f'TAC li teċċedi t-TAC tas-sena preċedenti b'aktar minn 15 %, il-Kunsill għandu jadotta TAC li hija 15 % akbar mit-TAC ta' dik is-sena.

3. Fejn l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tirriżulta f'TAC li hija aktar minn 15 % inqas mit-TAC tas-sena preċedenti, il-Kunsill għandu jadotta TAC li hija 15 % inqas mit-TAC ta' dik is-sena.

4. Il-paragrafu 3 m'għandux japplika meta evalwazzjoni xjentifika mwettqa mill-STECF turi li r-rata tal-mortalità tal-ħut fis-sena ta' applikazzjoni tat-TAC ser teċċedi valur ta' 1 għal kull sena mill-etajiet ta' 3 sa 6 snin għall-istokk tal-merluzz fiż-Żona A jew valur ta' 0,6 kull sena għall-etajiet ta' bejn 4 u 7 snin għall-istokk tal-merluzz fiż-Żoni B u Ċ.

*Artikolu 7*

**Deroga**

B'deroga mill-Artikolu 6, il-Kunsill jista', meta huwa jikkunsidra li jkun xieraq, jadotta TAC li huwa aktar baxx mit-TAC li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6.

KAPITOLU IV

**LIMITAZZJONI FUQ L-ISFORZ TA' SAJD**

*Artikolu 8*

**Proċedura għall-iffissar ta' perijodi meta hu permess sajd b'ċerti tipi ta' rkaptu**

1. Il-bastimenti tas-sajd għandhom ikunu projbiti milli jistadu bit-tkarkir, bit-tartaruni jew b'irkaptu simili ta' malji li d-daqs tagħhom hu daqs jew akbar minn 90 mm, b'għeżul mitfugħa fil-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti ta' malji li d-daqs tagħhom hu daqs jew akbar minn 90 mm, b'konzijiet mitfugħa fil-qiegħ, xlief twil minbarra l-lenez tal-mitlaq, is-siegli taż-żonda u xlief maħdum mid-dories:

(a) mill-1 sat-30 ta' April fiż-Żona A, u

(b) mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu fiż-Żona B.

2. Meta jsir sajd bil-lenez tal-mitlaq m'għandu jinżamm l-ebda merluzz abbord.

3. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi kull sena b'maġġoranza kwalifikata dwar in-numru massimu ta' jiem nieqsa mill-port barra l-perijodi speċifikati fil-paragrafu 1 fis-sena ta' wara meta jkun permess sajd bl-irkaptu msemmi fil-paragrafu 1, skond ir-regoli mniżżla fil-paragrafi 4 u 5.

4. Fejn ir-rata ta' mortalità tal-ħut għall-waħda mill-istokkijiet tal-merluzz konċernati kienet stmata mill-STECF li hija ta' l-inqas 10 % akbar mir-rati minimi ta' mortalità tal-ħut definiti fl-Artikolu 4, in-numru total ta' jiem meta s-sajd bl-irkaptu msemmi fil-paragrafu 1 huwa permess għandu jitnaqqas b'10 % meta mqabbel man-numru total ta' jiem permess fis-sena attwali.

5. Fejn ir-rata ta' mortalità tal-ħut għall-waħda mill-istokkijiet tal-merluzz konċernata kienet stmata mill-STECF li hija ta' l-inqas 10 % akbar mir-rata ta' mortalità tal-ħut minima definita fl-Artikolu 4, in-numru total ta' jiem meta s-sajd bl-irkaptu msemmi fil-paragrafu 1 huwa permess għandu jitnaqqas b'10 % meta mqabbel man-numru total ta' ġranet permess fis-sena kurrenti, immultiplikat bir-rata ta' mortalità tas-sajd minima definita fl-Artikolu 4 diviża bir-rata ta' mortalità tas-sajd stmata mill-STECF.

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' inqas minn 12-il metru għandhom ikunu permessi jużaw sa ħamest ijiem kull xahar diviżi f'perijodi ta' mill-anqas jumejn konsekuttivi min-numru massimu ta' ġranet neqsin minn port li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 3-5 matul il-perijodi magħluqa msemmija fil-paragrafu 1. Matul dawn il-ġranet, il-bastimenti tas-sajd jistgħu jgħaddsu x-xbieki tagħhom u jistadu mill-art mis-6 am tat-Tnejn sas-6 pm tal-Ġimgħa ta' l-istess ġimgħa.

L-Artikolu 16 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd imsemmija fl-ewwel subparagrafu mingħajr ma jkollhom permess għas-sajd tal-merluzz.

7. Fuq it-talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli fuq il-website tagħhom jew jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha deskrizzjoni tas-sistema applikata biex tkun żgurata konformità mal-paragrafi 3, 4 u 5.

*Artikolu 9*

**Restrizzjonijiet għas-sajd skond iż-żona**

1. Għandu jkun projbit li jitwettqu kwalunkwe attivitajiet tas-sajd mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru fiż-żoni magħluqin bit-tgħaqqid b'linji ta' rombu tal-pożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jitkejlu skond is-sistema tal-koordinati WGS84:

(a) Żona 1:

— 55° 45′ N, 15° 30′ E

— 55° 45′ N, 16° 30′ E

— 55° 00′ N, 16° 30′ E

— 55° 00′ N, 16° 00′ E

— 55° 15′ N, 16° 00′ E

— 55° 15′ N, 15° 30′ E

— 55° 45′ N, 15° 30′ E

(b) Żona 2:

— 55° 00′ N, 19° 14′ E

— 54° 48′ N, 19° 20′ E

— 54° 45′ N, 19° 19′ E

— 54° 45′ N, 18° 55′ E

— 55° 00′ N, 19° 14′ E

(ċ) Żona 3:

— 56° 13′ N, 18° 27′ E

— 56° 13′ N, 19° 31′ E

— 55° 59′ N, 19° 13′ E

— 56° 03′ N, 19° 06′ E

— 56° 00′ N, 18° 51′ E

— 55° 47′ N, 18° 57′ E

— 55° 30′ N, 18° 34′ E

— 56° 13′ N, 18° 27′ E.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sajd b'għeżul mitfugħa fil-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti ta' malji b'daqs ekwivalenti għal 157 mm jew aktar jew bil-lenez tal-mitlaq għandu jkun permess. L-ebda rkaptu ieħor m'għandu jinżamm abbord.

3. Meta jsir sajd bi kwalunkwe wieħed mit-tipi ta' rkaptu definiti fil-paragrafu 2, m'għandu jinżamm l-ebda merluzz abbord.

KAPITOLU V

**MONITORAĠĠ, SPEZZJONI U SORVELJANZA**

*Artikolu 10*

**Permess speċjali għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku**

1. B'deroga mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94, il-bastimenti Komunitarji kollha b'tul globali daqs jew akbar minn tmien metri li jġorru abbord jew jużaw kwalunkwe rkaptu awtorizzat għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2187/2005 għandu jkollhom permess speċjali għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku.

2. L-Istati Membri jistgħu joħorġu l-permess speċjali għas-sajd tal-merluzz imsemmi fil-paragrafu 1 biss lill-bastimenti Komunitarji li fl-2005 kellhom permess speċjali biex jistadu għall-merluzz fil-Baħar Baltiku skond il-punt 6.2.1 ta' l-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 27/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistipula għall-2005 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji u, għall-bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa l-limitazzjonijiet dwar il-qbid [1]. Madankollu, Stat Membru jista' joħroġ permess speċjali għas-sajd għall-merluzz għal bastiment Komunitarju, li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, li m'għandux permess speċjali tas-sajd fl-2005 jekk dan jiżgura li almenu kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowats (kW), tinżamm milli tistad fil-Baħar Baltiku bi kwalunkwe rkaptu msemmi fil-paragrafu 1.

(1) ĠU L 12, 14.1.2005, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1936/2005 (ĠU L 311, 26.11.2005, p. 1).

3. Kull Stat Membru konċernat għandu jistabbilixxi u jżomm lista ta' bastimenti li għandhom permess speċjali għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u jagħmilha disponibbli fuq il-website uffiċjali tiegħu.

4. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu/tagħha, li Stat Membru ħariġlu permess speċjali għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku, għandu jżomm kopja ta' dan il-permess abbord il-bastiment tas-sajd.

*Artikolu 11*

**Ġurnali ta' abbord**

1. B'deroga mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93, il-kaptani tal-bastimenti Komunitarji kollha b'tul globali daqs jew akbar minn tmien metri għandhom iżommu ġurnal ta' abbord ta' l-operazzjonijiet tagħhom skond l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, il-bastimenti tas-sajd b'tul globali bejn 8 u 10 metri li jkollhom abbord merluzz maqbud fiż-Żona Ċ għandhom iżommu ġurnal ta' abbord li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kif stabbiliti fil-punt 2 ta' l-Anness IV għar-Regolament (KEE) Nru 2807/83.

2. Għal bastimenti mgħammra b'VMS, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-informazzjoni rċevuta fiċ-ċentri għall-monitoraġġ tas-sajd (FMĊ) jikkorrispondi għall-attivitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord permezz tad-data VMS. Dawk l-ispezzjonijiet għandhom jiġu reġistrati f'forma li tinqara mill-kompjuter għal perijodu ta' tliet snin.

3. Kull Stat Membru għandu jżomm u jagħmel disponibbli fil-website uffiċjali tiegħu d-dettalji ta' kuntatt għall-preżentazzjoni tal-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet ta' l-iżbarki l-art u notifiki minn qabel kif speċifikat fl-Artikolu 17.

*Artikolu 12*

**Reġistrazzjoni u trasmissjoni elettroniċi ta' data dwar il-qabda**

B'deroga mill-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2807/83 l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-kaptan ta' bastiment tas-sajd armat b'VMS biex jirrapporta l-informazzjoni meħtieġa fil-ġurnal ta' abbord b'mezzi elettroniċi. L-informazzjoni għandha tiġi trasmessa lill-FMĊ ta' l-Istat Membru tal-bandiera kuljum wara li l-operazzjoni tas-sajd ta' dak il-jum kalendarju tkun intemmet. L-informazzjoni tal-ġurnal ta' abbord għandha tkun disponibbli fuq it-talba tal-FMĊ ta' l-Istat kostali matul iż-żmien li fih il-bastiment tas-sajd ikun fl-ilmijiet ta' l-Istat kostali u fuq it-talba ta' spezzjoni.

*Artikolu 13*

**Reġistrar tad-Data dwar l-Isforz tas-Sajd**

1. B'deroga mill-Artikolu 19b tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 il-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju, li jġorr abbord kwalunkwe mit-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament meta jħalli u jidħol il-port, jew meta jidħol jew iħalli l-Baħar Baltiku, għandu jittrasmetti rapport ta' l-isforz li jkun fih l-informazzjoni li ġejja lill-FMĊ ta' l-Istat Membru tal-bandiera:

(a) Meta jħalli l-port jew jidħol fil-Baħar Baltiku

(i) Isem il-bastiment, il-marka ta' identifikazzjoni esterna u s-sinjal ta' sejħa bir-radju;

(ii) Id-data u l-ħin ta' tluq mill-port jew ta' dħul fil-Baħar Baltiku (ħin lokali);

(iii) Iż-żona fejn il-bastiment ser jistad kif definit fl-Artikolu 3(e)

(b) Meta jidħol il-port jew iħalli l-Baħar Baltiku

(i) Isem il-bastiment, il-marka ta' identifikazzjoni esterna u s-sinjal ta' sejħa bir-radju;

(ii) Id-data u l-ħin ta' dħul fil-port jew ta' ħruġ mill-Baħar Baltiku (ħin lokali);

2. Il-punti (i) u (ii) tal-paragrafu 1(a) u l-paragrafu 1(b) m'għandhomx japplikaw għal bastimenti mgħammra b'VMS.

3. L-FMĊ ta' l-Istat Membru tal-bandiera għandu jirreġistra r-rapport ta' l-isforz fid-database kompjuterizzata tiegħu.

4. Fuq talba, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jipprovdi l-informazzjoni li tinsab fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru kostali.

*Artikolu 14*

**Monitoraġġ u Kontroll ta' l-Isforz tas-Sajd**

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera għandhom jimmonitorjaw u jikkontrollaw il-konformità ma':

(a) il-limiti ta' l-isforz tas-sajd previsti fl-Artikolu 8.

(b) ir-restrizzjonijiet fuq sajd previsti fl-Artikolu 9.

*Artikolu 15*

**Marġni ta' tolleranza fil-ġurnal ta' abbord**

B'deroga mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2807/83, il-marġni permess ta' tolleranza fl-estimi tal-kwantitajiet, f'kilogrammi, ta' ħut soġġetti għat-TAC li huma miżmuma abbord għandu jkun ta' 10 % taċ-ċifra fil-ġurnal ta' abbord minbarra għal merluzz f'liema każ il-marġini ta' tolleranza għandu jkun ta' 8 %.

Għal qabdiet meħuda fiż-Żona A u B li jiġu żbarkati mħalltin il-marġni ta' tolleranza permess fl-istima tal-kwantitajiet għandu jkun ta' 10 % tal-kwantità totali li tinżamm abbord.

*Artikolu 16*

**Dħul jew Ħruġ minn Żoni Speċifiċi**

1. Bastiment tas-sajd li jkollu permess speċjali għas-sajd tal-merluzz jista' jistad biss f'waħda miż-Żoni A, B jew Ċ waqt vjaġġ tas-sajd wieħed.

2. Bastiment tas-sajd jista' biss jibda l-attività tas-sajd f'ilmijiet Komunitarji f'waħda miż-Żoni A, B jew Ċ mingħajr merluzz abbord.

Jekk il-bastiment tas-sajd imur f'port, mingħajr ma jiżbarka l-ħut tiegħu, fiż-żona fejn kien qed jistad, il-bastiment jista' jkompli l-attività tas-sajd tiegħu f'dik iż-żona bil-merluzz abbord.

3. Meta bastiment tas-sajd joħroġ minn waħda miż-Żoni A, B jew Ċ bil-merluzz abbord huwa għandu:

(a) imur direttament f'port barra miż-Żona fejn kien qed jistad u jiżbarka l-ħut l-art;

(b) meta jħalli ż-Żona fejn il-bastiment ikun stad, tistiva x-xbieki skond il-kundizzjonijiet li ġejjin sabiex ma jkunux jistgħu jintużaw faċilment:

(i) xbieki, piżijiet, u rkaptu simili għandhom jitneħħew mit-twavel tax-xbieki u fili u ħbula ta' l-irmonk jew ġbid;

(ii) xbieki mgħobbijin fuq jew 'l fuq mill-gverta għandhom ikunu marbutin fis-sod ma' xi parti mis-soprastruttura.

4. Permezz ta' deroga għall-paragrafi 1, 2 u 3 bastiment tas-sajd jista' jistad fiż-Żoni A u B matul vjaġġ tas-sajd wieħed u jista' jibda attività ta' sajd fi kwalunkwe żona biss b'anqas minn 150 kg ta' merluzz abbord fis-sena 2008. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jiżguraw kontroll effettiv. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar dawn il-miżuri lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2008.

*Artikolu 17*

**Notifika minn qabel**

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju li jkun ħiereġ minn Żona A, B jew Ċ b'aktar minn 300 kg ta' piż ħaj ta' merluzz abbord għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kostali li fih huwa jkun ser jiżbarka l-ħut, mhux inqas minn siegħa qabel ma jitlaq miż-Żona, b'dan li ġej:

(a) il-ħin u l-pożizzjoni tal-ħruġ;

(b) il-kwantitajiet ta' merluzz u l-piż totali ta' speċi oħra f'piż ħaj miżmuma abbord;

(ċ) isem il-post ta' l-iżbark;

(d) il-ħin stmat tal-wasla fil-post ta' l-iżbark,

L-Istat Kostali għandu jinnotifika lill-Istat tal-bandiera dwar l-iżbark.

2. Meta bastiment tas-sajd Komunitarju jkun bi ħsiebu jidħol f'port fiż-żona fejn kien qed jistad b'iktar minn 300 kg ta' piż ħaj ta' merluzz abbord, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kostali u lill-Istat Kostali għandu jinnotifika lill-istat tal-bandiera mill-inqas siegħa qabel jidħol fil-port bl-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1(b), (ċ) u (d).

3. Il-preżentazzjoni ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(a) u (b) m'għandhiex tapplika għal bastimenti soġġetti għall-Artikolu 12.

4. Il-paragrafu 1 (a) m'għandux japplika għal bastimenti mgħammra b'VMS.

5. In-notifika prevista fil-paragrafi 1 u 2 tista' ssir ukoll minn rappreżentant tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd Komunitarju.

*Artikolu 18*

**Portijiet magħżulin**

1. Meta bastiment iżomm aktar minn 750 kilogramm ta' merluzz f'piż ħaj, il-merluzz jista' jiġi żbarkat esklussivament f'portijiet magħżulin.

2. Kull Stat Membru jista' jagħżel il-portijiet li fihom għandha tiġi żbarkata kwalunkwe kwantità ta' piż ħaj ta' merluzz Baltiku ta' aktar minn 750 kilogramm.

3. Sa l-10 ta' Ottubru, kull Stat Membru li jkun stabbilixxa lista ta' portijiet magħżulin, għandu jżomm u jkollu disponibbli fil-website uffiċjali tiegħu lista ta' portijiet magħżulin.

*Artikolu 19*

**Użin ta' merluzz li jiġi żbarkat l-ewwel**

Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jiżgura li kwalunkwe kwantità ta' merluzz maqbud fil-Baħar Baltiku u li jiġi żbarkat f'port Komunitarju għandu jintiżen qabel jinbiegħ jew qabel jiġi trasportat x'imkien ieħor mill-port ta' l-iżbark. Il-miżien li jintuża għall-użin għandu jiġi approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Iċ-ċifra li tirriżulta mill-użin għandha tintuża għad-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

*Artikolu 20*

**Punti ta' referenza għall-Ispezzjoni**

Kull Stat Membru tal-Baħar Baltiku għandu jiffissa punti ta' referenza speċifiċi għall-ispezzjoni. Tali punti ta' referenza għandhom jiġu riveduti perjodikalment wara li tkun saret analiżi tar-riżultati miksubin. Il-punti ta' referenza għall-ispezzjoni għandhom jevolvu progressivament sakemm jilħqu l-punti ta' referenza ta' mira definiti fl-Anness I.

*Artikolu 21*

**Projbizzjoni ta' transitu u trasbord**

1. It-transitu fiż-żoni magħluqin għas-sajd tal-merluzz huwa projbit għajr jekk l-irkaptu tas-sajd abbord ikun marbut u stivat b'mod sigur skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 16(3).

2. It-trasbord tal-merluzz huwa projbit.

*Artikolu 22*

**Trasport ta' merluzz Baltiku**

B'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 il-kaptan ta' bastiment tas-sajd li jkollu tul globali daqs jew aktar minn tmien metri, għandu jimla dikjarazzjoni ta' żbark meta l-ħut jiġi trasportat għal post ieħor minbarra dak ta' l-iżbark.

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, id-dikjarazzjoni ta' żbark għandha takkumpanja d-dokumenti ta' trasport previsti fl-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament b'pertinenza għall-kwantitajiet trasportati. L-eżenzjoni prevista fil-punt (b) ta' l-Artikolu 13(4) ta' dak ir-Regolament m'għandhiex tapplika.

*Artikolu 23*

**Sorveljanza konġunta u skambju ta' spetturi**

L-Istati Membri konċernati għandhom jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet ta' spezzjoni u sorveljanza konġunti.

*Artikolu 24*

**Programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll**

1. L-Istati Membri tal-Baħar Baltiku għandhom jiddefinixxu programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll għall-Baħar Baltiku skond l-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jistipulaw punti speċifiċi ta' referenza skond l-Anness I. Tali punti ta' referenza għandhom jiġu riveduti perjodikalment wara li tkun saret analiżi tar-riżultati miksubin. Il-punti ta' referenza għall-ispezzjoni għandhom jevolvu progressivament sakemm jilħqu l-punti ta' referenza ta' mira definiti fl-Anness I.

3. Qabel il-31 ta' Jannar kull sena, l-Istati Membri tal-Baħar Baltiku għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni u Stati Membri oħra madwar il-Baħar Baltiku fil-website uffiċjali tagħhom il-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll kif imsemmi fil-paragrafu 1, flimkien ma' skeda ta' implimentazzjoni.

4. Mill-inqas darba f'sena, il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa tal-Kumitat tas-Sajd u l-Akwakoltura biex tevalwa l-konformità ma' u r-riżultati mal-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll ta' l-istokkijiet ta' merluzz fil-Baħar Baltiku.

*Artikolu 25*

**Programm ta' monitoraġġ speċifiku**

B'deroga mill-ħames subparagrafu ta' l-Artikolu 34ċ(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku għall-istokkijiet ta' merluzz konċernati jista' jdum aktar minn tliet snin.

KAPITOLU VI

**SEGWITU**

*Artikolu 26*

**Evalwazzjoni tal-pjan**

1. Il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' parir mill-STECF u mill-Kunsill Konsultatttiv Reġjonali Baltiku (RAC), tevalwa l-impatt tal-miżuri ta' ġestjoni fuq l-istokkijiet konċernati u fuq is-sajd li jisfrutta dawn l-istokkijiet fit-tielet sena ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u f'kull waħda mis-snin ta' wara.

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu parir xjentifiku mill-STECF dwar ir-rata ta' progress lejn il-miri speċifikati fl-Artikolu 4 fit-tielet sena ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull tielet sena suċċessiva ta' l-applikazzjoni tiegħu. Fejn il-parir jindika li x'aktarx il-miri ma jintlaħqux, il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata dwar proposta mill-Kummissjoni dwar miżuri addizzjonali u/jew alternattivi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-objettivi jintlaħqu.

*Artikolu 27*

**Reviżjoni ta' rati minimi ta' mortalità tas-sajd**

Fejn il-Kummissjoni, abbażi ta' parir mill-STECF, issib li r-rati minimi ta' mortalità tas-sajd imniżżla fl-Artikolu 4 ma jaqblux ma' l-objettivi tal-pjan ta' ġestjoni, il-Kunsill għandu, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata dwar rati minimi ta' mortalità tas-sajd riveduti li jkunu skond l-objettiv.

*Artikolu 28*

**Fond Ewropew tas-Sajd**

Matul l-ewwel tliet snin ta' l-applikazzjoni tiegħu, il-pjan pluriennali għandu jitqies bħala pjan ta' rkupru fit-tifsira ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u għall-fini ta' l-Artikolu 21(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 29*

**Suddiviżjonijiet ta' l-ICES 27 u 28**

1. Kull sena u mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru, l-Istati Membri li jistadu fiż-Żona B għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport tal-qabdiet u tal-qabdiet sekondarji kollha tal-merluzz matul it-tnax-il xahar preċedenti fiż-Żona B kif ukoll l-iskart ta' dik l-ispeċi speċifikata skond is-Suddiviżjoni ta' l-ICES u t-tipi ta' tagħmir imsemmija fl-Artikolu 8(1).

2. Kull sena u mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u abbażi tar-rapport mill-Istati Membri msemmi fil-paragrafu 1 u l-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd li teskludi s-Suddiviżjonijiet ta' l-ICES 27 u/jew 28.2 mir-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8 (1)(b), 3, 4 u 5 u l-Artikolu 13 jekk ikun hemm evidenza li l-qabdiet tal-merluzz f'dawn is-Suddiviżjonijiet ta' l-ICES huma anqas minn 3 % tal-qabdiet totali ta' merluzz fiż-Żona B.

3. L-esklużjoni tas-Suddiviżjonijiet ta' l-ICES 27 u/jew 28.2 għandha tieħu effett mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.

4. L-Artikolu 8 (1)(b), 3, 4 u 5 m'għandux japplika għas-Suddiviżjoni ta' l-ICES 28.1. Madankollu, jekk ikun hemm evidenza li l-qabdiet ta' merluzz huma ogħla minn 1,5 % tal-qabdiet totali tal-merluzz fiż-Żona B, l-Artikolu 8 paragrafi (1)(b), 3, 4 u 5 għandu japplika u l-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu huma applikabbli.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 30*

**Revoka**

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/97 huwa hawnhekk irrevokat.

2. Il-paragrafu 1a ta' l-Artikolu 19a tar-Regolament (KEE) Nru 2847/923 huwa b'dan revokat.

*Artikolu 31*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Settembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. PEREIRA

*ANNESS I*

## PUNTI TA' REFERENZA SPEĊIFIĊI GĦALL-ISPEZZJONI

**Objettiv**

1. Kull Stat Membru għandu jistipula punti ta' referenza speċifiċi għall-ispezzjoni skond dan l-Anness.

**Strateġija**

2. L-ispezzjoni u s-sorveljanza ta' l-attivitajiet tas-sajd għandhom jikkonċentraw fuq bastimenti li x'aktarx jistadu għall-merluzz. Spezzjonijiet każwali tat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni tal-merluzz għandhom jintużaw bħala mekkaniżmu komplimentari ta' konferma biex jiċċekkja l-effettività ta' l-ispezzjoni u s-sorveljanza.

**Prijoritajiet**

3. Tipi differenti ta' rkaptu għandhom ikunu soġġetti għal livelli differenti ta' prijoritizzazzjoni skond il-punt sa fejn il-flotot ikunu affettwati mil-limiti fuq l-opportunitajiet tas-sajd. Minħabba f'hekk, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi prijoritajiet speċifiċi.

**Punti ta' referenza fil-mira**

4. Mhux aktar tard minn xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-iskedi ta' spezzjoni tagħhom filwaqt li jqisu l-miri stabbiliti hawn taħt.

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw u jiddeskrivu liema strateġija ta' teħid ta' kampjuni għandha tiġi applikata.

Fuq talba, il-Kummissjoni jista' jkollha aċċess għall-pjan ta' teħid ta' kampjuni li jintuża mill-Istat Membru.

(a) *Livell ta' spezzjoni fil-portijiet*

B'regola ġenerali, l-eżattezza li għandha tintlaħaq għandha tkun għallinqas ekwivalenti għal dak li jinkiseb minn metodu sempliċi każwali għat-teħid tal-kampjuni, fejn l-ispezzjonijiet għandhom ikopru 20 % ta' l-iżbarkar kollu tal-merluzz fi Stat Membru.

(b) *Livell ta' spezzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni*

Spezzjoni ta' 5 % tal-kwantitajiet ta' merluzz offruti għall-bejgħ bl-irkant.

(ċ) *Livell ta' spezzjoni fuq il-baħar*

Punt ta' referenza flessibbli: għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljat ta' l-attività tas-sajd f'kull żona. Il-punti ta' referenza fuq il-baħar għandhom jirreferu n-numru ta' jiem ta' għassa fuq il-baħar fiż-żoni tal-ġestjoni tal-merluzz, possibbilment b'punt ta' referenza separat għal jiem ta' sorveljanza fiż-Żoni speċifiċi.

(d) *Livell ta' sorveljanza mill-ajru*

Punt ta' referenza flessibbli: għandu jiġu stabbilit wara analiżi dettaljata ta' l-attività tas-sajd imwettqa f'kull żona u filwaqt li jitqiesu r-riżorsi disponibbli għall-Istati Membri.

*ANNESS II*

**KONTENUT TAL-PROGRAMMI NAZZJONALI TA' AZZJONI GĦALL-KONTROLL**

Programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll għandhom jimmiraw, *inter alia*, li jispeċifikaw dan li ġej.

1. MEZZI TA' KONTROLL

*Riżorsi umani*

1.1. In-numru ta' spetturi fuq l-art u fuq il-baħar u l-perjodi u ż-żoni fejn ser jiġu mobilizzati.

*Riżorsi tekniċi*

1.2. In-numru ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru għas-sorveljanza u l-perijodi u ż-żoni fejn ser jiġu mobilizzati.

*Riżorsi finanzjarji*

1.3. L-allokazzjoni tal-baġit għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi umani, il-bastimenti u l-inġenji ta' l-ajru għas-sorveljanza.

2. REĠISTRAZZJONI U RAPPORTAR ELETTRONIKU TA' INFORMAZZJONI MARBUTA MA' L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex jiżguraw konformità ma' l-Artikoli 13, 14, 15 u 18.

3. GĦAŻLA TA' PORTIJIET

Fejn rilevanti, lista tal-portijiet magħżulin għall-iżbarkar tal-merluzz skond l-Artikolu 19.

4. DĦUL JEW ĦRUĠ MINN ŻONI SPEĊIFIĊI.

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex jiżguraw konformità ma' l-Artikolu 17.

5. KONTROLL TA' ŻBARKAR L-ART

Deskrizzjoni ta' kwalunkwe faċilità u/jew sistemi implimentati biex tiġi żgurata konformità mad-disposizzjonijiet fl-Artikoli 12, 16, 20, 22 u 23.

6. PROĊEDURI TA' SPEZZJONI

Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll għandhom jispeċifikaw il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti:

(a) waqt li jsiru spezzjonijiet fuq il-baħar u fl-art;

(b) għall-komunikazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti magħżulin minn Stati Membri oħra bħala responsabbli għall-programm nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll tal-merluzz;

(c) għas-sorveljanza u l-iskambju ta' spetturi, inkluż l-ispeċifikazzjoni tas-setgħat u l-awtorità ta' spetturi li joperaw f'ilmijiet ta' Stati Membri oħra.

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1099/2007

## tat-18 ta’ Settembru 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 601/2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta’ kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin ta’ l-Antartiku

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 ([2]) jimplimenta ċerti miżuri ta’ konservazzjoni adottati mill-Kummissjoni għall-Konservazzjoni ta’ Riżorsi Marittimi Ħajjin ta’ l-Antartiku, minn hawn ’il quddiem imsejħa bħala “CCAMLR”.

(2) Fit-tielet u għoxrin, fir-raba’ u għoxrin u fil-ħames u għoxrin laqgħat annwali tagħha f’Novembru 2004, 2005 u 2006, il-CCAMLR adottat numru ta’ emendi għall-miżuri ta’ konservazzjoni sabiex, fost l-oħrajn, jittejbu l-ħtiġiet tal-liċenzjar, jitħares l-ambjent, tittejjeb ir-riċerka xjentifika dwar id-Dissostichus spp. kif ukoll jiġu miġġielda l-attivitajiet tas-sajd illegali.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 601/2004 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 601/2004 huwa b’dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3(2) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni, bi trażmissjoni bil-kompjuter, fi żmien tlett ijiem mid-data tal-ħruġ tal-permess imsemmi fil-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja li tikkonċerna d-dgħajsa koperta bil-permess:

(a) l-isem tad-dgħajsa konċernata;

(b) it-tip ta’ bastiment;

(ċ) it-tul;

(d) in-numru IMO tad-dgħajsa (jekk magħruġ);

(e) fejn u meta nbena;

(f) il-bandiera preċedenti, jekk kien hemm;

(g) is-Sinjal ta’ Sejħa bir-Radju internazzjonali;

(h) l-isem u l-indirizz tas-sid(ien) tad-dgħajsa, u kwalunkwe sid(ien) benefiċjarju/i, jekk magħruf/a;

(i) ritratti bil-kulur tad-dgħajsa, li għandhom jikkonsistu minn:

(i) ritratt mhux iżgħar minn 12 × 7 ċm li juri n-naħa tal-lemin tad-dgħajsa (starboard side), li juri t-tul kollu u l-karatteristiċi strutturali kollha tagħha;

(ii) ritratt mhux iżgħar minn 12 × 7 ċm li juri n-naħa tax-xellug tad-dgħajsa (port side), li juri t-tul kollu u l-karatteristiċi strutturali kollha tagħha;

(iii) ritratt mhux iżgħar minn 12 × 7 ċm li juri l-poppa, meħud direttament minn wara;

(j) il-perijodu li fih huwa awtorizzat li jistad fiż-żona tal-Konvenzjoni, bid-dati li fihom l-attivitajiet tas-sajd jibdew u jispiċċaw;

(k) iż-żona jew iż-żoni tas-sajd;

(l) l-ispeċi mmirati;

(m) it-tagħmir użat;

(n) il-miżuri meħuda sabiex jiżguraw it-tħaddim bla tbagħbis tat-tagħmir ta’ monitoraġġ bis-satellita installat abbord.

L-Istati Membri għandhom, safejn huwa prattikabbli, jgħaddu wkoll lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja dwar id-dgħajjes awtorizzati li jistadu fiż-żona tal-CCAMLR:

(a) l-isem u l-indirizz ta’ l-operatur, jekk differenti minn dak tas-sid(ien) tad-dgħajsa;

([1]) Opinjoni mogħtija fl-10 ta’ Lulju 2007 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16.

(b) l-ismijiet u n-nazzjonalità tal-kaptan u, fejn applikabbli, tal-kaptan tas-sajd;

(ċ) it-tip tal-metodu jew metodi ta' sajd;

(d) il-wisa' (ta' l-aktar parti wiesgħa) (m);

(e) it-tunnellaġġ gross reġistrat;

(f) it-tip u n-numri tal-komunikazzjoni tad-dgħajsa (in-numri INMARSAT A, B u Ċ);

(g) l-għadd normali ta' membri ta' l-ekwipaġġ;

(h) is-saħħa tal-magna jew magni prinċipali (kW);

(i) il-kapaċità tal-ġarr (tunnellati), numru ta' stivi tal-ħut u l-kapaċità tagħhom ($m^3$);

(j) kwalunkwe informazzjoni oħra (eż. klassifikazzjoni tas-silġ) meqjusa xierqa.

Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti tali informazzjoni mingħajr dewmien lis-Segretarjat tal-CCAMLR."

(2) L-Artikolu 4(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull Stat Membru għandu jivverifika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 mad-*data* li tkun waslet permezz tas-sistemi VMS li jitħaddmu abbord dgħajjes tas-sajd Komunitarji li jtajru l-bandiera tiegħu. Hu għandu jittrażmetti d-*data* VMS lis-Segretarjat tas-CCAMLR bi trażmissjoni bil-kompjuter fi żmien jumejn mid-data tal-wasla tagħha, b' mod kunfidenzjali skond ir-regoli tal-kunfidenzjalità stabbiliti mis-CCAMLR."

(3) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 5a*

**Notifiki ta' intenzjoni ta' parteċipazzjoni fis-sajd għall-krill**

Il-Partijiet Kontraenti kollha li bi ħsiebhom jistadu għall-krill fiż-żona tal-Konvenzjoni għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat bl-intenzjoni tagħhom mhux inqas minn xhur minn qabel il-laqgħa annwali regolari tal-CCAMLR, immedjatament qabel l-istaġun li fih bi ħsiebhom jistadu."

(4) L-Artikolu 6(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba' xhur minn qabel il-laqgħa annwali tal-CCAMLR bl-intenzjoni ta' bastiment tas-sajd Komunitarju li jiżviluppa sajd ġdid fiż-żona tal-Konvenzjoni. L-Istat Membru m'għandux jibda sajd ġdid sakemm jitwettaq il-proċess stabbilit mis-CCAMLR, għall-eżaminazzjoni tas-sajd.

In-notifika għandha tkun akkumpanjata b'kemm jista' jkun mill-informazzjoni li ġejja li l-Istat Membru jista' jipprovdi:

(a) in-natura tas-sajd propost, inklużi l-ispeċi mmirati, il-metodi ta' sajd, ir-reġjun propost u kwalunkwe livell minimu ta' qabdiet meħtieġa sabiex jiġi żviluppat sajd vijabbli;

(b) informazzjoni bijoloġika minn kruċieri ta' riċerka/stħarriġ komprensivi, bħal distribuzzjoni, abbundanza, *data* dwar il-popolazzjoni u informazzjoni dwar l-identità tal-ħażniet;

(ċ) dettalji ta' speċi dipendenti u assoċjati u l-possibbiltà li tali speċi jiġu affettwati bi kwalunkwe mod bis-sajd propost;

(d) informazzjoni minn sajd ieħor fir-reġjun jew sajd simili x'imkien ieħor li jista' jassisti fl-evalwazzjoni tal-potenzjal tal-qabda;

(e) jekk is-sajd propost ikollu jsir permezz tat-tagħmir ta' tartarun tal-qiegħ, informazzjoni dwar l-impatti magħrufa u antiċipati ta' dan it-tagħmir fuq ekosistemi tal-baħar vulnerabbli, inklużi l-ispeċi li jgħixu fil-qiegħ u l-komunitajiet tagħhom."

(5) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 7a*

**Ħtiġiet speċjali għas-sajd esploratorju**

Dgħajjes tas-sajd li jipparteċipaw f'sajd esploratorju għandhom ikunu suġġetti għall-ħtiġiet addizzjonali li ġejjin:

(a) id-dgħajjes għandhom ikunu pprojbiti milli jarmu:

(i) prodotti ta' żejt jew karburant jew residwi żejtnija fil-baħar, ħlief kif permess fl-Anness I mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Prevenzjoni tat-Tniġġiż minn Bastimenti (MARPOL 73/78);

(ii) żibel;

(iii) skart ta' l-ikel li ma jgħaddix minn għarbiel b'toqob mhux akbar minn 25 mm;

(iv) tajr tar-razzett jew partijiet tagħhom (inkluż qxur tal-bajd);

(v) drenaġġ 'il ġewwa minn 12-il mil nawtiku minn blat maħruġ 'il barra ta' art jew silġ, jew drenaġġ waqt li d-dgħajsa tkun tbaħħar b'veloċità ta' inqas minn 4 mili tal-baħar (knots); jew

(vi) irmied ta' ħruq;

(b) ebda tajr ħaj tar-razzett jew tajr ħaj ieħor m'għandu jiddaħħal fis-Subżoni 88.1 u 88.2 u kwalunkwe tajr tar-razzett ipproċessat mhux mittiekel għandu jitneħħa mis-Subżoni 88.1 u 88.2;

(ċ) is-sajd għad-*Dissostichus spp.* fis-Subżoni 88.1 u 88.2 għandu jiġi pprojbit 'il ġewwa minn 10 mili nawtiċi mill-kosta tal-Gżejjer Balleny.

*Artikolu 7b*

**Programm ta' tikkettar**

1. Kull bastiment tas-sajd li jipparteċipa fis-sajd esploratorju għandu jimplimenta programm ta' tikkettar (tagging) kif ġej:

(a) individwi tad-Dissostichus spp. għandhom jiġu ttikkettati u meħlusa skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Programm u fil-Protokoll tat-Tikkettar tal-CCAMLR għad-Dissostichus spp. f'sajd esploratorju. Id-dgħajjes għandhom jieqfu mit-tikkettar biss wara li jkunu ttikkettaw 500 individwu, jew iħallu s-sajd wara li jkunu ttikkettaw id-Dissostichus spp. bir-rata speċifika;

(b) il-programm għandu jkun immirat għal individwi ta' kull daqs sabiex tintlaħaq il-ħtieġa ta' tikkettar; it-*toothfish* f'kundizzjoni tajba biss għandhom jiġu ttikkettati. L-individwi meħlusa kollha għandhom jiġu ttikkettati doppju u l-ħelsien għandu jkopri l-usa' żona ġeografika possibbli; f'reġjuni fejn hemm iż-żewġ speċi ta' Dissostichus, ir-rata ta' tikkettar għandha tkun, sa fejn hu possibbli, proporzjonata għall-ispeċi u d-daqs tad-Dissostichus spp. preżenti fil-qabdiet;

(ċ) it-tikketti kollha għandhom ikunu stampati b'mod ċar b'numru tas-serje uniku u b'indirizz tas-sors sabiex l-oriġini tat-tikketti tkun tista' tiġi ttraċċata mill-ġdid fil-każ li l-individwu ttikkettat jerġa' jinqabad; mill-1 ta' Settembru 2007 it-tikketti kollha għall-użu f'sajd esploratorju għandhom jiġu pprovduti mis-Segretarjat;

(d) kull individwi ttikkettat maqbud mill-ġdid (jiġifieri, ħut maqbud diġà tikkettat) m'għandux jinħeles mill-ġdid, anki jekk kien liberu għal perijodu qasir biss;

(e) l-individwi ttikkettati maqbuda mill-ġdid kollha għandu jittiħdilhom id-dettalji bijoloġiċi (it-tul, il-piż, is-sess, l-istadju gonadali), għandu jittieħed ritratt elettroniku tal-ħut li juri d-*data*, għandhom jiġu rkuprati l-otoliti u titneħħa t-tikketta;

(f) id-*data* kollha rilevanti tat-tikketta u kwalunkwe qbid mill-ġdid ta' tikketti li jirreġistraw id-*data* għandhom jiġu rrapportati elettronikament fil-format CCAMLR lil CCAMLR fi żmien tliet xhur mit-tluq tad-dgħajsa minn dan is-sajd;

(g) id-*data* rilevanti kollha tat-tikketta, kwalunkwe qbid mill-ġdid ta' tikketti li jirreġistraw id-*data*, u eżemplari maqbuda mill-ġdid għandhom jiġu rrapportati wkoll b'mod elettroniku fil-format CCAMLR fl-arkivju reġjonali tad-*data* mit-tikketti rilevanti kif imniżżel fil-Protokoll ta' l-Ittikkettar tal-CCAMLR.

2. *Toothfish* li huma ttikkettati u meħlusa m'għandhomx jinqatgħu mil-limiti tal-qabda."

(6) L-Artikolu 9(4) għandu jiġi sostitwiti b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill CCAMLR, b'kopja lill-Kummissjoni, bi trażmissjoni bil-kompjuter, mill-anqas fi żmien tlett ijiem mid-data tat-tmiem ta' kull perijodu ta' rapportaġġ, tar-rapport tal-qabda u l-isforz trażmess minn kull bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tagħhom u rreġistrat fil-Komunità. Kull rapport tal-qabda u ta' l-isforz għandu jispeċifika l-perijodu ta' rapportaġġ tal-qabda kkonċernata."

(7) L-Artikolu 9(5) għandu jitħassar.

(8) L-Artikolu 13(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jittrażmetti d-*data* msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 lill-CCAMLR fit-tmiem ta' kull xahar kalendarju, b'kopja tintbagħat lill-Kummissjoni."

(9) L-Artikolu 14(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fi tmiem kull xahar, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu n-notifika li jkunu rċevew lill-CCAMLR."

(10) L-Artikolu 16(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-CCAMLR, sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, bil-qabdiet totali għas-sena preċedenti miġbura mid-dgħajjes tas-sajd Komunitarji li jtajru l-bandiera tagħhom, imqassma skond id-dgħajsa, b'kopja tintbagħat lill-Kummissjoni."

(11) L-Artikolu 17(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jgħaqqdu d-*data* dwar qabdiet u sforzi ta' skala żgħira b'rettangolu ta' 10 × 10 mili nawtiċi u b'perijodu ta' 10 t'ijiem, u jittrażmettu din id-*data* lill-CCAMLR sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena, b'kopja tintbagħat lill-Kummissjoni."

(12) L-Artikolu 18(1) u (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-dgħajjes tas-sajd Komunitarji għas-sajd tal-granċi fis-subżona statistika 48.3 tal-FAO, għandhom jittrażmettu lill-CCAMLR, sal-25 ta' Settembru ta' kull sena, id-*data* li tikkonċerna l-attivitajiet tas-sajd u tal-qabdiet tal-granċi li jkunu saru qabel il-31 ta' Awwissu ta' dik is-sena, b'kopja tintbagħat lill-Kummissjoni.

2. Id-*data* li tikkonċerna l-qabdiet mill-31 ta' Awwissu ta' kull sena għandha tiġi trażmessa lill-CCAMLR fi żmien xahrejn mid-*data* ta' l-għeluq tas-sajd, b'kopja tintbagħat lill-Kummissjoni."

(13) L-Artikolu 19(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-dgħajjes tas-sajd Komunitarji għas-sajd tal-klamari (*Martialia hyadesi*) fis-subżona statistika 48.3 tal-FAO għandhom jittrażmettu lill-CCAMLR, sal-25 ta' Settembru ta' kull sena, id-*data* dwar qabdiet u sforzi ta' skala żgħira għal dak is-sajd, b'kopja tintbagħat lill-Kummissjoni. Id-*data* għandha tinkludi n-numru ta' għasafar tal-baħar u mammiferi marini maqbugħda u meħlusa jew maqtula."

(14) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 26a*

**Rappurtar ta' avvistamenti ta' dgħajjes**

1. Fil-każ li l-kaptan ta' bastiment tas-sajd liċenzjat jilmaħ bastiment tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni, il-kaptan għandu, fejn ikun possibbli, jirreġistra kemm jista' jkun informazzjoni dwar kull avvistament bħal dan, inklużi:

(a) l-isem u d-deskrizzjoni tad-dgħajsa;

(b) il-kodiċi tar-radju tad-dgħajsa;

(ċ) in-numru ta' reġistrazzjoni u n-numru Lloyds/IMO tad-dgħajsa;

(d) l-istat tal-bandiera tad-dgħajsa;

(e) ritratti tad-dgħajsa b'appoġġ għar-rapport;

(f) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar l-attivitajiet osservati tad-dgħajsa avvistata.

2. Il-kaptan għandu jibgħat, malajr kemm jista' jkun, rapport bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat tal-bandiera tiegħu. L-Istat tal-Bandiera għandu jressaq kwalunkwe rapporti bħal dawn lis-Segretarjat tal-CCAMLR jekk id-dgħajsa avvistata tkun involuta f'attivitajiet IUU skond l-istandards tal-CCAMLR."

(15) L-Artikolu 28(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet ta' din it-taqsima, bastiment ta' Parti Kontraenti jista' jitqies li jkun wettaq attivitajiet IUU bi ħsara għall-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni tal-CCAMLR meta dan ikun:

(a) involut f'attivitajiet ta' sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni mingħajr il-permess speċjali tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 3 jew, fil-każ ta' bastiment li ma jkunx bastiment tas-sajd Komunitarju, liċenzja mogħtija skond il-miżuri ta' konservazzjoni tal-CCAMLR rilevanti, jew bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' tali permess jew liċenzja;

(b) ikun naqas milli jirreġistra jew jiddikjara l-qabdiet tiegħu magħmula fiż-żona tal-Konvenzjoni b'konformità mas-sistema tar-rapportar applikabbli għas-sajd li sar, jew li jkun għamel dikjarazzjonijiet foloz;

(ċ) stad matul perijodi magħluqin tas-sajd jew f'żoni magħluqin b'kontravenzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni tal-CCAMLR;

(d) uża tagħmir pprojbit b'kontravenzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni tal-CCAMLR applikabbli;

(e) wettaq trasbord jew ipparteċipa f'operazzjonijiet konġunti ta' sajd ma', appoġġa jew forna mill-ġdid dgħajjes li jidhru fil-lista tad-dgħajjes IUU tal-CCAMLR;

(f) naqas li jipprovdi dokument validu għall-qbid għad-*Dissostichus spp*. fejn meħtieġ skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1035/2001;

(g) wettaq attivitajiet ta' sajd kuntrarji għal kwalunkwe miżura oħra ta' konservazzjoni tal-CCAMLR b'mod li jagħmel ħsara għall-ilħuq ta' l-għanijiet tal-Konvenzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu XXII tal-Konvenzjoni; jew

(h) wettaq attivitajiet ta' sajd f'ibħra maġenb gżejjer fiż-żona tal-Konvenzjoni li fuqhom l-eżistenza ta' sovranità ta' l-Istat hija rikonoxxuta mill-Partijiet Kontraenti kollha b'mod li jagħmel ħsara għall-ilħuq ta' l-għanijiet tal-miżuri ta' konservazzjoni tal-CCAMLR."

(16) L-Artikolu 30(1) u (2) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa skond il-liġi nazzjonali u Komunitarja, sabiex:

(a) l-ebda permess speċjali ta' sajd kif imsemmi fl-Artikolu 3 ma jinħareġ lid-dgħajjes tas-sajd Komunitarji li jkunu jidhru fil-lista tad-dgħajjes IUU sabiex jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni;

(b) l-ebda liċenzja jew permess speċjali ta' sajd ma jinħareġ lid-dgħajjes li jidhru fil-lista tad-dgħajjes IUU sabiex jistadu fl-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom;

(ċ) il-bandiera tagħhom ma tingħatax lid-dgħajjes li jidhru fil-lista tad-dgħajjes IUU;

(d) dgħajjes li jidhru fil-lista IUU għandhom jiġu pprojbiti aċċess għall-portijiet minbarra għall-iskop ta' azzjoni ta' infurzar jew għal raġunijiet ta' forza maġġuri jew sabiex tingħata assistenza lil dgħajjes jew persuni fuq dawk id-dgħajjes fil-perikolu jew f'diffikulta. Dgħajjes permessi li jidħlu fil-port għandhom jiġu ispezzjonati skond l-Artikolu 27;

(e) meta l-aċċess għall-port jingħata lil tali dgħajjes:

(i) id-dokumentazzjoni u informazzjoni oħra, inkluż id-Dokumenti dwar il-Qabda tad-*Dissostichus* fejn rivelanti, huma eżaminati, bil-ħsieb li tiġi vverifikata ż-żona li fih saret il-qabda; u meta l-oriġini ma tkunx tista' tiġi vverifikata adegwatament, il-qabda tinżamm jew kwalunkwe ħatt jew trasbord tal-qabda huwa rifjutat, u

(ii) fejn possibbli,

— fil-każ li jinstab li l-qabda ttieħdet bi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni tal-CCAMLR, il-qabda tiġi konfiskata;

— l-appoġġ kollu għal tali dgħajjes, inklużi r-riforniment ta' karburant mhux ta' emerġenza, ir-riforniment ta' provvisti u t-tiswijiet, huwa pprojbit;

(f) l-importaturi, it-trasportaturi, u s-setturi l-oħra kkonċernati huma mħeġġa sabiex joqgħodu lura milli jittrattaw ma' u minn trasbord ta' ħut maqbud minn dgħajjes fil-lista tad-dgħajjes IUU.

2. L-attivitajiet li ġejjin għandhom ikunu pprojbiti

(a) b'deroga mill-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) 2847/93, għal dgħajjes tas-sajd Komunitarji, għal dgħajjes ta' appoġġ, għal dgħajjes ta' riforniment tal-karburant, għal dgħajjes prinċipali ta' flotta u għal bastimenti tal-merkanzija, li jipparteċipaw bi kwalunkwe mod fi trasbord jew f'operazzjonijiet konġunti ta' sajd ma', jappoġġaw jew ifornu mill-ġdid dgħajjes li jidhru fil-lista tad-dgħajjes IUU;

(b) il-kiri ta' dgħajjes li jidhru fil-lista tad-dgħajjes IUU;

(ċ) l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-esportazzjoni mill-ġdid tad-*Dissostichus spp*. minn dgħajjes li jidhru fil-lista tad-dgħajjes IUU."

(17) L-Artikolu 31 għandu jiġi sostitwit:

"*Artikolu 31*

**Skema għall-promozzjoni tal-konformità miċ-ċittadini mal-miżuri ta' konservazzjoni tal-CCAMLR**

1. Mingħajr preġudizzju għall-prevalenza tar-responsabbiltà ta' l-Istat tal-Bandiera, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, suġġetti għal u f'konformità mal-liġijiet u r-regoli applikabbli tagħhom, ta':

(a) biex jivverifikaw jekk kwalunkwe persuna fiżika jew legali suġġetta għall-ġurisdizzjoni tagħhom hija nvoluta fl-attivitajiet IUU kif deskritti fl-Artikolu 28;

(b) jieħdu azzjoni xierqa b'rispons għal kwalunkwe attività vverifikata msemmija f'punt 1(a); u

(ċ) jikkoperaw għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri u l-azzjonijiet imsemmija f'punt 1(a). Għal dan il-għan, l-aġenziji rilevanti ta' l-Istati Membri jistgħu jikkoperaw sabiex jimplimentaw il-miżuri ta' konservazzjoni tal-CCAMLR u jistgħu jfittxu koperazzjoni mill-industriji fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapporti lis-Segretarjat tal-CCAMLR u l-Partijiet Kontraenti u l-Partijiet Mhux Kontraenti li qed jikkoperaw mal-CCAMLR, għall-iskop ta' l-implimentazzjoni ta' l-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qabda għad-*Dissostichus spp*., fuq l-azzjonijiet u l-miżuri meħuda skond paragrafu 1, f'waqthom, b'kopja tintbagħat lill-Kummissjoni, sabiex jassistu fl-implimentazzjoni ta' din il-miżura ta' konservazzjoni."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Settembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. PEREIRA

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1100/2007

## tat-18 ta' Settembru 2007

## li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru ta' l-istokk tas-sallura Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Fid-19 ta' Lulju 2004, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jikkonċernaw il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, ta' l-1 ta' Ottubru 2003, dwar l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni Komunitarju għall-Ġestjoni tas-Sallura Ewropea [2], li nkludew talba lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti għall-ġestjoni tas-sallur fl-Ewropa fuq terminu twil.

(2) Fil-15 ta' Novembru 2005 l-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li ssejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta immedjatament proposta għal regolament għall-irkupru ta' stokk tas-sallura Ewropea.

(3) L-aħħar avviż xjentifiku mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (KIEB) li jikkonċerna s-sallura Ewropea huwa li l-istokk jinsab 'il barra mil-limiti bijoloġiċi siguri u li s-sajd attwali mhuwiex sostenibbli. Il-KIEB jirrakkomanda li jiġi żviluppat pjan ta' rkupru għall-istokk kollu tas-sallura Ewropea bħala kwistjoni ta' urġenza u li jiġu mnaqqsa kemm jista' jkun l-isfruttament u l-attivitajiet oħra tal-bniedem li jolqtu s-sajd jew l-istokk.

(4) Hemm kondizzjonijiet u ħtiġijiet diversi fil-Komunità li jeħtieġu soluzzjonijiet speċifiċi differenti. Dik id-diversità għandha tiġi meqjusa fl-ippjanar u fl-eżekuzzjoni ta' miżuri sabiex jiġu żgurati protezzjoni u użu sostenibbli tal-popolazzjoni tas-sallura Ewropea. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu viċin kemm jista' jkun il-postijiet fejn is-sallura qed jiġu sfruttati. Għandha tingħata prijorità lill-azzjoni li ssir mill-Istati Membri permezz tat-tfassil ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura aġġustati għall-kundizzjonijiet reġjonali u lokali.

(5) Id-Direttiva 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi [3] u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika dwar l-ilma [4] huma maħsuba, *inter alia*, sabiex jipproteġu, jikkonservaw u jsaħħu l-ambjent akkwatiku fejn is-sallur iqatta' parti miċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu u huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm koordinazzjoni u konsistenza bejn il-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u dawk meħuda taħt id-Direttivi msemmija hawn fuq. B'mod partikolari, il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura għandhom ikopru baċini ta' xmajjar definiti skond id-Direttiva 2000/60/KE.

(6) Is-suċċess ta' miżuri għall-irkupru ta' l-istokk ta' sallura Ewropea jiddipendi minn kooperazzjoni mill-qrib u azzjoni koerenti fil-livelli ta' Komunità, ta' Stat Membru u lokali u reġjonali kif ukoll minn informazzjoni, konsultazzjoni u involviment tas-setturi pubbliċi involuti. Għal dan il-għan, l-appoġġ mill-Fond Ewropew tas-Sajd jista' jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura.

(7) Jekk il-baċini ta' xmajjar fit-territorju nazzjonali ta' Stat Membru ma jistgħux jiġu identifikati u definiti bħala li jikkostitwixxu habitat naturali għas-sallura Ewropea, għandu jkun possibbli għal dak l-Istat Membru li jiġi eżentat mill-obbligu li jipprepara Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri għall-irkupru tas-sallura huma effettivi u ekwi, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw il-miżuri li bi ħsiebhom jieħdu u ż-żoni li għandhom jiġu koperti, li din l-informazzjoni tiġi komunikata b'mod wiesa', u li tiġi evalwata l-effikaċja tal-miżuri.

(9) Il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni abbażi ta' evalwazzjoni teknika u xjentifika mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STEFC).

[1] Opinjoni tas-16 ta' Mejju 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] COM(2003) 573 finali

[3] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).
[4] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

(10) F'baċin ta' xmara fejn is-sajd u l-attivitajiet l-oħra tal-bniedem li jolqtu s-sallura jistgħu ikollhom effetti trans-konfinali, il-programmi u l-miżuri kollha għandhom ikunu kkoordinati għall-baċin ta' xmara rilevanti kollu. Madankollu, il-koordinazzjoni m'għandhiex isseħħ b'dannu għall-introduzzjoni rapida tal-partijiet nazzjonali tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura. Għall-baċini ta' xmajjar li jestendu lil hinn mill-konfini tal-Komunità, il-Komunità għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura koordinazzjoni xierqa mal-pajjiżi terzi kkonċernati.

(11) Fil-kuntest ta' koordinazzjoni transkonfinali, kemm fi ħdan il-Komunità kif ukoll barra minnha, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-Baħar Baltiku u għall-ilmijiet kostali Ewropej li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE. Madankollu, il-ħtieġa għal tali koordinazzjoni m'għandhiex tipprevjeni li tittieħed azzjoni urġenti mill-Istati Membri.

(12) Għandhom għalhekk jiġu implimentati miżuri speċjali sabiex jiżdied in-numru ta' sallura ta' tul inqas minn 12 cm rilaxxati f'ilmijiet Ewropej kif ukoll għat-trasferiment ta' sallura ta' tul inqas minn 20 cm għall-iskop ta' riforniment bħala parti mill-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura.

(13) Sal-31 ta' Lulju 2013, 60 % tas-sallura ta' tul inqas minn 12 cm maqbuda kull sena għandhom jiġu riservati għar-riforniment. L-evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq tas-sallura ta' tul inqas minn 12 cm għandha tiġi monitorjata kull sena. Fil-każ ta' deklin sinifikanti fil-prezzijiet tas-suq medji għas-sallura ta' tul inqas minn 12 cm użata għar-riforniment f'baċini tax-xmara tas-sallura kif definit mill-Istati Membri, meta mqabbel mal-prezz tas-sallura ta' tul inqas minn 12 cm użata għal skopijiet oħra, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata li tieħu l-miżuri xierqa li jistgħu jinkludu tnaqqis temporanju fil-perċentwali tas-sallura ta' tul inqas minn 12 cm li jridu jiġu riservati għar-riforniment.

(14) Il-qabdiet ta' sallura f'ilmijiet Komunitarji min-naħa li tagħti għall-baħar tal-konfini tal-baċini tax-xmara tas-sallura definiti mill-Istati Membri bħala li jikkostitwixxu habitat naturali tas-sallura għandhom jitnaqqsu gradwalment permezz tat-tnaqqis fl-isforz tas-sajd jew fil-qabdiet b'mill-inqas 50 % bbażat fuq l-isforz tas-sajd jew il-qabdiet medji fis-snin 2004 sa 2006.

(15) Abbażi ta' informazzjoni li għandha tiġi provduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar l-eżitu ta' l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura u jekk meħtieġ tipproponi kwalunkwe miżura adatta sabiex jinkiseb, bi probabbiltà kbira, l-irkupru tas-sallura Ewropea.

(16) Għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri sistema ta' kontroll u monitoraġġ adattata għaċ-ċirkostanzi u għall-qafas legali diġà applikabbli għas-sajd intern b'konsistenza mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni ([1]). F'dan il-kuntest l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ċerti informazzjoni u estimi li jikkonċernaw is-sajd kummerċjali u dak rikreattiv sabiex jekk ikun meħtieġ jiġu appoġġati r-rapportar u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura kif ukoll il-miżuri ta' kontroll u ta' infurzar. L-Istati Membri għandhom barra minn hekk jieħdu miżuri sabiex jiżguraw il-kontroll u l-infurzar ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni tas-sallura,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli ta' l-istokk tas-sallura Ewropea ta' l-ispeċi *Anguilla anguilla* f'ilmijiet Komunitarji, f'laguni mal-kosta, fl-estwarji, u fi xmajjar u ilmijiet interni komunikanti ta' l-Istati Membri li jiffluwixxu fl-ibħra fiż-żoni ICES III, IV, VI, VII, VIII, IX jew fil-Baħar Mediterran.

2. Fir-rigward tal-Baħar l-Iswed u s-sistemi ta' xmajjar konnessi miegħu, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([2]), wara li tikkonsulta lill-Kumitat Xjentifiku Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd sal-31 ta' Diċembru 2007 dwar jekk dawn l-ilmijiet jikkostitwixxux habitats naturali għas-sallura Ewropea skond l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

3. Il-miżuri taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati u implimentati mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi 92/43/KEE u 2000/60/KE.

*Artikolu 2*

**Stabbiliment ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura**

1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jiddefinixxu l-baċini ta' xmajjar individwali li jinsabu fit-territorju nazzjonali tagħhom li jikkostitwixxu habitats naturali għas-sallura Ewropea ("baċini ta' xmajjar tas-sallura") li jistgħu jinkludu ilmijiet marittimi. Jekk tiġi provduta ġustifikazzjoni adegwata, Stat Membru jista' jagħżel it-territorju nazzjonali tiegħu kollu jew unità amministrattiva reġjonali eżistenti bħala baċin wieħed ta' xmara tas-sallura.

([1]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11), (ikkorreġut bil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6).

([2]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

2. Fid-definizzjoni ta' baċini ta' xmajjar tas-sallura, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-aktar konsiderazzjoni possibbli għall-arranġamenti amministrattivi msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/60/KE.

3. Għal kull baċin ta' xmara tas-sallura definit taħt il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iħejju Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura.

4. L-objettiv ta' kull Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura għandu jkun li jitnaqqsu l-mortalitajiet antropoġeniċi sabiex tiġi permessa l-ħarba għall-baħar bi probabbiltà għolja ta' mill-inqas 40 % tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda relattiva għall-aqwa stima ta' ħarba li kienet teżisti kieku ebda influwenza antropoġenika ma kellha impatt fuq l-istokk. Il-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura għandu jitħejja bl-iskop li jinkiseb dan l-objettiv għall-perijodu fit-tul.

5. Il-livell ta' ħarba mmirat għandu jiġi determinat, b'kont meħud tad-data disponibbli għal kull baċin ta' xmara tas-sallura, b'wieħed jew aktar minn dawn it-tliet modi li ġejjin:

(a) l-użu ta' data miġbura fl-iktar perijodu adegwat qabel l-1980, sakemm din tkun disponibbli fi kwantità u kwalità suffiċjenti;

(b) stima, ibbażata fuq il-habitat, ta' produzzjoni potenzjali tas-sallura, fin-nuqqas ta' fatturi antropoġeniċi ta' mortalità;

(ċ) b'referenza għall-ekoloġija u l-idrografija ta' sistemi ta' xmajjar simili.

6. Kull Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura għandu jkun fih deskrizzjoni u analiżi tas-sitwazzjoni preżenti tal-popolazzjoni tas-sallura fil-baċin ta' xmara tas-sallura u jorbotha mal-livell ta' ħarba mmirat stabbilit fil-paragrafu 4.

7. Kull Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura għandu jkun fih miżuri sabiex jiġi milħuq, sorveljat u verifikat l-objettiv stabbilit fil-paragrafu 4. L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu l-mezzi skond il-kondizzjonijiet lokali u reġjonali.

8. Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura jista' jkun fih, iżda ma jkunx limitat għal, il-miżuri li ġejjin:

— tnaqqis fl-attività tas-sajd kummerċjali,

— restrizzjoni tas-sajd rikreattiv,

— miżuri ta' riforniment,

— miżuri strutturali sabiex ix-xmajjar isiru passabbli u jitjiebu l-abitat tax-xmajjar, flimkien ma' miżuri oħra ambjentali,

— trasport ta' sallura tal-fidda minn ilmijiet interni għal ilmijiet li minnhom jistgħu jaħarbu liberament għall-Baħar Sargassu,

— miżuri kontra l-predaturi,

— tifi temporanju ta' turbini ta' l-enerġija idro-elettrika,

— miżuri relatati ma' l-akkwakultura.

9. Kull Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura għandu jkun fih skeda ta' żmien għall-kisba tal-livell ta' ħarba mmirat stabbilit fil-paragrafu 4, wara approċċ gradwali u skond livell ta' reklutaġġ mistenni; għandu jinkludi miżuri li jiġu applikati sa mill-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura.

10. Fil-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura, kull Stat Membru għandu jimplimenta miżuri adatti malajr kemm jista' jkun għat-tnaqqis tal-mortalità tas-sallura kkawżata minn fatturi esterni għas-sajd, inklużi t-turbini idroelettriċi, il-pompi jew il-predaturi, sakemm dan ma jkunx meħtieġ għall-kisba ta' l-objettiv tal-pjan.

11. Kull Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura għandu jinkludi deskrizzjoni tal-miżuri ta' kontroll u ta' infurzar li ser japplikaw f'ilmijiet diversi mill-ilmijiet marittimi Komunitarji skond l-Artikolu 10.

12. Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura għandu jikkostitwixxi pjan ta' ġestjoni adottat fuq livell nazzjonali fil-qafas ta' miżura ta' konservazzjoni Komunitarja msemmija fl-Artikolu 24(1)(v) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd ([1]).

([1]) ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

*Artikolu 3*

**Eżenzjoni mill-obbligu li jitħejja Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura**

1. Stat Membru jista' jkun eżentat mill-obbligu li jħejji Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura jekk tingħata ġustifikazzjoni adegwata li baċini ta' xmajjar jew ilmijiet marittimi li huma fit-territorju tiegħu ma jikkostitwixxux abitat naturali għas-sallura Ewropea.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2008 talba għall-eżenzjoni mħejjija skond il-paragrafu 1.

3. Abbażi ta' evalwazzjoni teknika u xjentifika mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd jew minn korpi xjentifiċi adegwati oħrajn, it-talba għall-eżenzjoni għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

4. Fejn il-Kummissjoni tapprova talba għal eżenzjoni, l-Artikolu 4 m'għandux japplika għall-Istati Membri kkonċernati.

*Artikolu 4*

**Komunikazzjoni ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura**

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008 l-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura ppreparati skond l-Artikolu 2.

2. Stat Membru li ma jkunx ippreżenta Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2008 għandu jnaqqas l-isforz tas-sajd b'mill-inqas 50 % relattivament għall-isforz medju magħmul mill-2004 sa l-2006 jew inaqqas l-isforz tas-sajd sabiex jiżgura tnaqqis fil-qabdiet ta' sallura b'mill-inqas 50 % relattivament għall-qabda medja mill-2004 sa l-2006 billi jqassar l-istaġun tas-sajd għas-sallura jew b'mezzi oħrajn. Dan it-tnaqqis għandu jiġi implimentat mill-1 ta' Jannar 2009.

3. It-tnaqqis fil-qabdiet stabbilit fil-paragrafu 2 jista' jiġi sostitwit b'mod sħiħ jew parzjali b'miżuri immedjati li jikkonċernaw fatturi antropoġeniċi ta' mortalità oħrajn, li jippermettu numru ta' sallura tal-fidda migranti ekwivalenti għal dak li t-tnaqqis tal-qabdiet għandu jippermetti sabiex taħrab għall-baħar sabiex tbid.

*Artikolu 5*

**Approvazzjoni u implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura**

1. Abbażi ta' evalwazzjoni teknika u xjentifika mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd jew minn korpi xjentifiċi adegwati oħrajn, il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura approvati mill-Kummissjoni skond il-paragrafu 1 mill-1 ta' Lulju 2009, jew l-aktar kmieni possibbli qabel dik id-data.

3. Mill-1 ta' Lulju 2009, jew mid-data ta' l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura qabel dik id-data, is-sajd għas-sallura ta' l-ispeċi *Anguilla anguilla* għandu jkun permess matul is-sena kollha sakemm l-industrija tas-sajd tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet u r-restrizzjonijiet stabbiliti fi Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura approvat mill-Kummissjoni skond il-paragrafu 1.

4. Stat Membru li jkun ippreżenta Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura lill-Kummissjoni għal approvazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, li ma jistax jiġi approvat mill-Kummissjoni skond il-paragrafu 1, għandu jnaqqas l-isforz tas-sajd b'mill-inqas 50 % relattivament għall-isforz medju użat mill-2004 sa l-2006 jew inaqqas l-isforz tas-sajd sabiex jiżgura tnaqqis fil-qabdiet ta' sallura b'mill-inqas 50 % relattivament għall-qabda medja mill-2004 sa l-2006, billi jqassar l-istaġun tas-sajd għas-sallura jew b'mezzi oħrajn. Dan it-tnaqqis għandu jiġi implimentat fi żmien tliet xhur mid-deċiżjoni li ma jiġix approvat il-pjan.

5. It-tnaqqis fil-qabdiet stabbilit fil-paragrafu 4 jista' jiġi sostitwit b'mod sħiħ jew parzjali b'miżuri immedjati li jikkonċernaw fatturi antropoġeniċi ta' mortalità oħrajn, li jippermettu numru ta' sallura tal-fidda migranti ekwivalenti għal dak li t-tnaqqis tal-qabdiet jippermetti sabiex taħrab għall-baħar sabiex tbid.

6. F'każ li l-Kummisssjoni ma tistax tapprova Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura, l-Istat Membru jista' jippreżenta pjan rivedut fi żmien 3 xhur mid-deċiżjoni li ma jiġix approvat il-pjan.

Il-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura rivedut għandu jiġi approvat skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1. L-implimentazzjoni tat-tnaqqis fil-qabdiet stabbilit fil-paragrafu 4 m'għandhiex tapplika jekk ma jiġiix approvat pjan rivedut mill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

**Pjanijiet Transkonfinali ta' Ġestjoni tas-Sallura**

1. Għall-baċini ta' xmajjar tas-sallura li jestendu għat-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istati Membri involuti għandhom iħejju b'mod konġunt Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura.

Jekk il-koordinazzjoni tkun fil-periklu li tirriżulta f'tali dewmien li jsir impossibbli li l-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura jiġi ppreżentat fil-ħin, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura għall-parti tal-baċin ta' xmara nazzjonali tagħhom.

2. Fejn baċin ta' xmara tas-sallura jestendi lil hinn mit-territorju tal-Komunità, l-Istati Membri involuti għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiżviluppaw Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura f'koordinazzjoni mal-pajjiżi terzi rilevanti, u għandha tiġi rispettata l-kompetenza ta' kwalunkwe organizzazzjoni tas-sajd rilevanti. Jekk il-pajjiżi terzi rilevanti ma jipparteċipawx fit-tħejjija konġunta ta' Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura, l-Istati Membri konċernati jistgħu jippreżentaw Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura għall-parti tal-baċin ta' xmara tas-sallura li jinsab fit-territorju tagħhom, bl-objettiv li jinkiseb il-livell tal-mira ta' ħarba stabbilit fl-Artikolu 2(4).

3. L-Artikoli 2, 4 u 5 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-pjanijiet transkonfinali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 7*

**Miżuri li jikkonċernaw ir-riforniment**

1. Jekk Stat Membru jippermetti s-sajd għal sallur iqsar minn 12 cm, kemm bħala parti minn Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura stabbilit skond l-Artikolu 2, jew bħala parti mit-tnaqqis fl-isforz tas-sajd skond l-Artikolu 4(2) jew l-Artikolu 5(4), huwa għandu jirriżerva mill-inqas 60 % tas-sallur iqsar minn 12 cm maqbud mis-sajd f'dak l-Istat Membru matul kull sena sabiex jiġi kummerċjalizzat fir-riforniment f'baċini ta' xmajjar tas-sallur kif definit mill-Istati Membri skond l-Artikolu 2(1) għall-fini ta' żieda tal-livelli ta' ħarba għas-sallur tal-fidda.

2. Is-60 % għar-riforniment għandhom jiġu ffissati fi Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura stabbilit skond l-Artikolu 2. Dan għandu jibda mill-inqas b'35 % fl-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura u għandu jiżdied b'passi ta' mill-inqas 5 % kull sena. Il-livell ta' 60 % għandu jinkiseb sal-31 ta' Lulju 2013.

3. Sabiex jiġi żgurat li l-perċentwali rispettivi stabbiliti fil-paragrafu 2, ta' sallur iqsar minn 12 cm maqbud jintuża fi programm ta' riforniment, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema adegwata ta' rappurtar.

4. It-trasferiment ta' sallur għar-riforniment għandu jkun parti minn Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallur kif definit fl-Artikolu 2. Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallur għandhom jispeċifikaw il-kwantità ta' sallur iqsar minn 20 cm meħtieġ għar-riforniment għall-iskop taż-żieda tal-livelli ta' ħarba tas-sallur tal-fidda.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Kunsill dwar l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq għas-sallur iqsar minn 12 cm. Għal dan l-iskop l-Istati Membri konċernati għandhom jistabbilixxu sistema adegwata għall-monitoraġġ tal-prezzijiet u għandhom jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar dawn il-prezzijiet.

6. Fil-każ ta' tnaqqis sinifikattiv tal-prezzijiet medji tas-suq għas-sallur użat għar-riforniment, imqabblin ma' dawk tas-sallur użat għal skopijiet oħrajn, l-Istat Membru konċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, għandha tieħu miżuri adegwati sabiex tindirizza s-sitwazzjoni, li jistgħu jinkludu tnaqqis temporanju tal-perċentwali msemmijin fil-paragrafu 2.

7. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2011, tirrapporta lill-Kunsill u tevalwa l-miżuri li jikkonċernaw ir-riforniment inkluża l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq. Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni dwar miżuri adegwati sabiex jiġu bbilanċjati l-miżuri li jikkonċernaw ir-riforniment filwaqt li jinkisbu l-perċentwali msemmijin fil-paragrafu 2.

8. Ir-riforniment għandu jitqies bħala miżura ta' konservazzjoni għall-finijiet ta' l-Artikolu 38(2) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, sakemm:

— ikun parti minn Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura stabbilit skond l-Artikolu 2;

— jikkonċerna sallur iqsar minn 20 cm; u

— jikkontribwixxi għall-kisba ta' 40 % tal-livell ta' ħarba mmirat kif imsemmi fl-Artikolu 2(4).

*Artikolu 8*

**Miżuri fir-rigward ta' ilmijiet Komunitarji**

1. Fejn Stat Membru jwettaq operazzjoni tas-sajd f'ilmijiet Komunitarji li tinvolvi l-qbid tas-sallura, l-Istat Membru għandu jnaqqas l-isforz tas-sajd b'mill-inqas 50 % relattivament għall-isforz medju użat bejn l-2004-2006 jew inaqqas l-isforz tas-sajd sabiex jiżgura tnaqqis fil-qabdiet tas-sallura b'mill-inqas 50 % relattivament għall-qabda medja mill-2004 sa l-2006. Dan it-tnaqqis għandu jintlaħaq gradwalment, inizjalment b'inkrimenti ta' 15 % kull sena fl-ewwel sentejn fuq perijodu ta' 5 snin, mill-1 ta' Lulju 2009.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ilmijiet Komunitarji huma dawk l-ilmijiet esposti għall-baħar mal-fruntiera ta' dawk il-baċini ta' xmajjar tas-sallura li jikkostitwixxu habitats naturali tas-sallura kif definiti mill-Istati Membri skond l-Artikolu 2(1).

*Artikolu 9*

**Rappurtar u Evalwazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni, inizjalment, kull tielet sena, bl-ewwel rapport jiġi ppreżentat sat-30 ta' Ġunju 2012. Il-frekwenza tar-rappurtar għandha tonqos għal darba kull sitt sena, wara li jiġu preżentati l-ewwel tliet rapporti triennali. Ir-rapporti għandhom jiddeskrivu l-monitoraġġ, l-effikaċja u l-eżitu, u b'mod partikolari għandhom jipprovdu l-aqwa estimi disponibbli ta':

(a) għal kull Stat Membru, il-proporzjon tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda li taħrab għall-baħar sabiex tbid, jew il-proporzjon tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda li tħalli t-territorju ta' dak l-Istat Membru bħala parti mill-migrazzjoni lejn il-baħar sabiex tbid, relattiv għal-livell ta' ħarba mmirat stabbilit fl-Artikolu 2(4);

(b) il-livell ta' l-isforz tas-sajd għas-sallura kull sena, u t-tnaqqis li jsir skond l-Artikoli 4(2) u 5(4);

(ċ) il-livell ta' fatturi ta' mortalità barra mis-sajd, u t-tnaqqis li jsir skond l-Artikolu 2(10);

(d) l-ammont ta' sallur ta' tul iqsar minn 12 cm maqbud u l-proporzjonijiet ta' dan utilizzat għal skopijiet differenti.

2. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'evalwazzjoni statistika u xjentifika ta' l-eżitu ta' l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura akkumpanjata bl-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd.

3. Il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, tipproponi kwalunkwe miżura adegwata sabiex jinkiseb, bi probabbiltà għolja, l-irkupru ta' l-istokk tas-sallura Ewropea u l-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata dwar miżuri alternattivi sabiex jinkiseb il-livell ta' ħarba mmirat stabbilit fl-Artikolu 2(4) jew it-tnaqqis fl-isforz tas-sajd skond l-Artikoli 4(2) u 5(4).

*Artikolu 10*

**Kontroll u infurzar f'ilmijiet diversi mill-ilmijiet Komunitarji**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ ta' kontroll u qbid adatta għaċ-ċirkostanzi u għall-qafas legali diġà applikabbli għas-sajd intern tagħhom, li għandha tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

2. Is-sistema ta' monitoraġġ ta' kontroll u qbid għandu jkun fiha deskrizzjoni dettaljata tas-sistemi kollha ta' allokazzjoni tad-drittijiet tas-sajd fil-baċini tax-xmara tas-sallura li jikkostitwixxu habitats naturali tas-sallura kif definit mill-Istati Membri skond l-Artikolu 2(1), inklużi ilmijiet ta' proprjetà tal-privat.

*Artikolu 11*

**Informazzjoni li tikkonċerna l-attivitajiet tas-sajd**

1. Sa l-1 ta' Jannar 2009, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-informazzjoni li ġejja li tikkonċerna l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali:

— lista tal-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bandiera tiegħu awtorizzati sabiex jistadu għas-sallura fl-ilmijiet Komunitarji skond l-Artikolu 8, minkejja t-tul globali tal-bastiment;

— lista tal-bastimenti tas-sajd kollha, l-entitajiet kummerċjali jew is-sajjieda, awtorizzati sabiex jistadu għas-sallura fil-baċini ta' xmajjar tas-sallura li jikkostitwixxu habitats naturali tas-sallura kif definit mill-Istati Membri skond l-Artikolu 2(1);

— lista taċ-ċentri ta' l-irkant kollha, korpi jew persuni oħrajn awtorizzati mill-Istati Membri li jimpenjaw ruħhom għall-ewwel kummerċjalizzazzjoni tas-sallura.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fuq bażi regolari stima tan-numru ta' sajjieda dilettanti u l-qabdiet ta' sallur tagħhom.

3. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 12*

**Kontroll u infurzar dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tas-sallura**

Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2009, l-Istati Membri għandhom:

— jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jidentifikaw l-oriġini u jiżguraw it-traċċabbiltà tas-sallur ħaj kollu impurtat jew esportat mit-territorju tagħhom;

— jiddeterminaw jekk is-sallura maqbuda fiż-żona Komunitarja u esportata mit-territorju tagħhom inqabditx b'mod konsistenti mal-miżuri ta' konservazzjoni Komunitarji;

— jieħdu l-miżuri sabiex jiddeterminaw jekk is-sallura maqbuda fl-ilmijiet ta' kwalunkwe organizzazzjoni rilevanti tas-sajd reġjonali u importata fit-territorju tagħhom inqabditx b'mod konsistenti mar-regoli miftiehma fl-organizzazzjoni tas-sajd reġjonali in kwistjoni.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Settembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. PEREIRA

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1101/2007

## tal-21 ta' Settembru 2007

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-22 ta' Settembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Settembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

*ANNESS*

**tar-Regolament tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 78,7 |
| | TR | 85,0 |
| | XK | 55,1 |
| | XS | 67,1 |
| | ZZ | 71,5 |
| 0707 00 05 | JO | 151,2 |
| | MK | 29,6 |
| | TR | 132,0 |
| | ZZ | 104,3 |
| 0709 90 70 | IL | 51,9 |
| | TR | 106,7 |
| | ZZ | 79,3 |
| 0805 50 10 | AR | 66,7 |
| | UY | 82,6 |
| | ZA | 72,1 |
| | ZZ | 73,8 |
| 0806 10 10 | IL | 65,2 |
| | TR | 106,4 |
| | ZZ | 85,8 |
| 0808 10 80 | AU | 196,6 |
| | CL | 38,6 |
| | CN | 79,8 |
| | NZ | 94,6 |
| | US | 96,4 |
| | ZA | 83,3 |
| | ZZ | 98,2 |
| 0808 20 50 | CN | 59,6 |
| | TR | 122,3 |
| | ZA | 105,6 |
| | ZZ | 95,8 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | TR | 152,3 |
| | US | 194,7 |
| | ZZ | 173,5 |
| 0809 40 05 | BA | 49,8 |
| | IL | 113,5 |
| | TR | 107,3 |
| | ZZ | 90,2 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# CORRIGENDUM

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 124, tas-27 ta' April 2004)*

*(Ħarġa Speċjali bil-Malti, Kapitolu 01, Volum 02, p. 130)*

Anness I, Emendi tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

Paġna 145, punt 41, punt (b) (emendament tas-seba' subparagrafu ta' l-Artikolu 41(3))

*Flok:* "… tal-peżati riferuti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3(5) ta' l-Anness XI, …"

*Aqra:* "… tal-peżati riferuti fil-punt (a) ta' l-Artikolu 3(5) ta' l-Anness XI, …"

Paġna 160, punt 90 (emendament ta' l-Anness I), it-Tabella "A. Tipi ta' pożizzjonijiet f'kull grupp tal-funzjoni, kif ipprovdut …", il-kolonna fuq ix-xellug korrispondenti kemm għall-grad AD 6 kif ukoll għall-grad AD 5

*Flok:* "**Amministratur li qed jaħdem, per eżempju, bħala:**
Traduttur żagħżugħ; interpretu żagħżugħ; ekonomista żagħżugħ; avukat żagħżugħ; uffiċjal mediku żagħżugħ; spettur veterinarju żagħżugħ; xjenzat żagħżugħ; riċerkatur żagħżugħ; uffiċjal finanzjarju żagħżugħ; awditur żagħżugħ",

*Aqra:* "**Amministratur li qed jaħdem, per eżempju, bħala:**
Assistent traduttur; assistent interpretu; assistent ekonomista; assistent avukat; assistent uffiċjal mediku; assistent spettur veterinarju; assistent xjenzat; assistent riċerkatur; assistent uffiċjal finanzjarju; assistent awditur".

Paġna 160, punt 90 (emendament ta' l-Anness I), it-Tabella "A. Tipi ta' pożizzjonijiet f'kull grupp tal-funzjoni, kif ipprovdut …", il-kolonna fuq il-lemin korrispondenti għall-grad AST 4

*Flok:* "**Assistent li qed jaħdem, per eżempju, bħala:**
Skrivan żagħżugħ; uffiċjal żagħżugħ li jiġbor id-dokumentazzjoni; tekniku żagħżugħ; ħaddiem żagħżugħ ta' l-IT",

*Aqra:* "**Assistent li qed jaħdem, per eżempju, bħala:**
Assistent skrivan; assistent uffiċjal dokumentalist; assistent tekniku; assistent operatur IT".

Paġna 160, punt 90 (emendament ta' l-Anness I), it-Tabella "A. Tipi ta' pożizzjonijiet f'kull grupp tal-funzjoni, kif ipprovdut …", il-kolonna fuq il-lemin korrispondenti għall-grad AST 3

*Flok:* "**Assistent li qed jaħdem, per eżempju, bħala:**
Skrivan żagħżugħ; uffiċjal żagħżugħ li jiġbor id-dokumentazzjoni; tekniku żagħżugħ; ħaddiem żagħżugħ ta' l-IT, uxxier Parlamentari[1]",

*Aqra:* "**Assistent li qed jaħdem, per eżempju, bħala:**
Assistent skrivan; assistent uffiċjal dokumentalist; assistent tekniku; assistent operatur IT, uxxier Parlamentari[1]".

Paġna 164, punt 94, sostituzzjoni ta' l-Anness IVa, "Xogħol *Part-Time*", Artikolu 3, it-tieni paragrafu, it-tieni sentenza

*Flok:* "Il-kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni jinħadmu b'riferenza għas-salarju bażiku riċevut minn uffiċjal li jaħdem *full-time*."

*Aqra:* "Il-kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni jinħadmu b'riferenza għas-salarju bażiku riċevut minn uffiċjal li jaħdem *part-time*."

Paġna 173, punt 98, punt li jikkonċerna emendament ta' l-Anness VIII, f'Artikolu 9

*Flok:* "(g) L-Artikolu 9 huwa mibdul b'dan li ġej:"

*Aqra:* "(h) L-Artikolu 9 huwa mibdul b'dan li ġej:"

Anness II, Emendi tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej

Paġna 223, punt 4 (l-Artikolu 3b ġdid, il-frażi introduttorja)

*Flok:* "… fil-limiti taż-żmien ippreżentati fl-Artikolu 87 f'wieħed mill-gruppi tal-funzjoni riferuti fl-Artikolu 87a:"

*Aqra:* "… fil-limiti taż-żmien ippreżentati fl-Artikolu 88 f'wieħed mill-gruppi tal-funzjoni riferuti fl-Artikolu 89:"

Paġna 224, punt 10 (emendament ta' l-Artikolu 10, ir-raba' paragrafu)

*Flok:* "… mħallas mill-approprijazzjonijiet ta' l-estimi tar-riċerka u l-investiment. (…)"

*Aqra:* "… mħallas mill-approprijazzjonijiet ta' l-estimi ta' l-Unjoni Ewropea tar-riċerka u ta' l-investiment. (…)"

---

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (Ir-Regolamenti ta' l-lstaff)**

*(Il-ĠU L 56, 4.3.1968)*

*(Ħarġa Speċjali bil-Malti, Kapitolu 01, Volum 02, p. 5)*

Paġna kopertina, it-Titolu

*Flok:* "Nota Għall-partijiet I u II",

*Aqra:* "Ir-Regolamenti tal-Persunal".

Paġna 5, it-Titolu

*Flok:* "Ir-Regolamenti ta' l-lstaff",

*Aqra:* "Ir-Regolamenti tal-Persunal".

Paġna 42, l-Artikolu 90(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza

*Flok:* "… tista' tibgħat ilment lill-awtorità tal-ħatra kontra att li taffettwah ħażin, kemm jekk l-imsemmi awtorità ħadet deċiżjoni, jew fejn naqset li tadotta …",

*Aqra:* "… tista' tibgħat ilment lill-awtorità tal-ħatra kontra att li taffettwaha ħażin, kemm jekk l-imsemmija awtorità ħadet deċiżjoni, kif ukoll jekk naqset li tadotta …".

Paġni 42 u 43, l-Artikolu 90(2), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż

*Flok:* "…; madankollu, jekk att li jaffettwa persuna speċifikata wkoll fih ilment kontra persuna oħra, il-perjodu jibda dwar dik il-persuna l-oħra fid-data meta tirċievi n-notifika tagħha iżda fl-ebda każ mhux aktar tar mid-data tal-pubblikazzjoni;",

*Aqra:* "…; madankollu, jekk att li jaffettwa persuna speċifikata ikun tali li jaffetwa ħażin lil persuna oħra, fir-rigward ta' dik il-persuna l-oħra l-perjodu jibda fid-data meta tirċievi n-notifika tagħha iżda fl-ebda każ mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni;".